## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — Promat vs UASI

**(Kawża T-300/06)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Promat — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti PROMA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94")*

(2008/C 272/42)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Promat GmbH (Ratingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Krenzel u S. Beckmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Puertas Proma, SAL (Villancañas, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Mejju 2006 (Każ R 1058/2005-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Puertas Proma, SAL u Promat GmbH.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Promat GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 310, 16.12.2006.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — Boston Scientific vs UASI — Terumo (CAPIO)

**(Kawża T-325/06)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CAPIO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti CAPIOX — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu serju tat-trade mark — Artikolu 43(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94")*

(2008/C 272/43)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Boston Scientific Ltd (Hastings, il-Barbados) (rappreżentanti: P. Rath u W. Festl-Wietek, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Terumo Kabushiki Kaisha (Tokyo, Il-Ġappun) (rappreżentanti: C. Bercial Arias, avukat)

### Suġġett

Rikors imressaq kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI ta' l-14 ta' Settembru 2006 (Każ R 61/2006-2) dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn Terumo Kabushiki Kaisha u Boston Scientific Ltd.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Boston Scientific Ltd għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 326, 30.12.2006.